MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 3/2008

**Anthony Joseph Portelli**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Anthony Portelli fejn dan, wara li ppremetta illi:

Nhar l-20 ta’ Awissu 1997, l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) akkuzat *inter alia* talli fil-15 ta’ Awissu 1997 u fl-ahhar tlettax-il xahar ta’ qabel huwa kkommetta reati ta’ traffikar u pussess illegali ta’ medicina specifikata u psikotropika bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’pussess kontra l-Ligi tad-droga kokaina, bi

ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju 2006, **u cioe' disa' snin wara li kien ingieb l-ewwel darba taht arrest quddiem il-Qorti**, l-esponent gie misjub hati u gie kkundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u multa ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) oltre l-hlas tal-ispejjez peritali.

Minn din is-sentenza (kif ukoll minn zewg digrieti interlokutorji li pprecedwa) l-esponent interpona appell. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Dicembru 2006, l-appell tal-esponent gie akkolt u konsegwentement huwa **gie liberat minn kull htija u piena**.

Bid-dovut rigward, minkejja l-fatt koncess illi din il-kawza kienet wahda ta' natura serja, xorta wahda ma jistax jinghad illi din il-kawza kienet ta' natura komplikata jew kumplessa tant li kienet tirrikjedi disa' snin u nofs sabiex tigi konkluza. Tant huwa hekk illi effettivament, inizzjalment, il-prosekuzzjoni kienet ikkonkludiet il-kaz taghha circa sena wara meta fit-3 ta' Gunju 1998 kienet iddikjarat illi ma kellhiex provi aktar xi ggib.

Kif sahansitra ritenut mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha precitata, din il-kawza kienet ikkaratterizzata minn "..*iter* tortwuz.." u dan, fil-fehma tar-rikorrent kif ukoll tal-istess Qorti tal-Appell Kriminali, kien minhabba il-mod kif giet kondotta l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u liema *iter* procedurali jinsab ben ittraccjat fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali precitata (Kopja informali ta' liema qed tigi annessa bhala Dok. A).

Bizzejjed jinghad f'dan l-istadju illi fil-kors tal-kawza mertu tar-rikors odjern, minkejja illi l-prosekuzzjoni kienet talbet li tibdel l-akkuzi migjuba kontra l-esponent, u **dan cioe' seba' snin wara li kienet ghamlet dikjarazzjoni li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien konkluz, u tmien snin wara li l-**

**<u>kawza kontra l-esponent kienet bdiet</u>**. Dan kien kaz illi kif tajjeb ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-bran fejn ticcita lil Milton, il-prosekuzzjoni holqot sitwazzjoni ta' *confusion worse confounded* u dan bi pregudizzju u lezjoni diretta tad-drittijiet fondamentali tal-esponent.

B'hekk, b'kollox, il-process kontra l-esponent dam pendenti circa disa' snin u nofs qabel ma gie definittavment konkluz u dan fl-umli fehma tal-esponent jikkostitwixxi dewmien esagerat u irragjonevoli li wasal biex gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xierqa fi zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali hekk kif sanciti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni ta' Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Talab l-attur jghid lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli*** gie lez id-dritt fundamentali tal-esponent ghal smiegh xierqa fi zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali hekk kif sanciti mill-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni Kostituzzjonali ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni fic-cirkostanzi, inkluz izda mhux biss rimedju konsistenti f'kumpens pekunjarju.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, li in forza taghha, eccepixxa illi:

Preliminarjament, l-esponent jidhirlu li huwa ferm indikat li l-process tal-kaz jigi allegat mal-process sabiex il-Qorti tkun tista' ssegwi ahjar l-*iter* tal-proceduri impunjati mir-rikorrent.

Inoltre, sabiex jitqies li sehh ksur tad-drittijiet fundamentali ta' individwu, tali ksur irid ikun mhux biss attwali, izda jrid

ikun attribwibbli esklussivament ghal xi entita' identifikabbli. F'dan il-kaz, ghalkemm huwa l-Avukat Generali li jwiegeb ghall-akkuzi ta' dewmien fil-Qrati, it-tort kien essenzjalment mhux tal-awtoritajiet gudizzjarji izda tar-rikorrent li, kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, kien hati tal-bicca l-kbira tad-dewmien minhabba d-differimenti kopjuzi li talab lill-Qorti.

Inoltre, il-komplikazzjonijiet li jidhru li nqalghu f'dan il-kaz aktar kienu ta' irritazzjoni u tahbil il-mohh ghall-gudikatur milli kkawzaw xi dewmien kapriccuz, u dan meta si tratta ta' kamp fejn jistghu jissussistu reati ta' natura partikolarment sensittiva u addirittura odjuza u li jirrikjedu aktar minn reati ohrajn koncentrazzjoni partikolarment elevata min-naha prosekutorjali. Ta' min jghid ukoll li r-rikorrent kellu kull opportunita' li jipprotesta u jirrikorri quddiem il-Qorti bil-mezzi appoziti jekk hass li d-drittijiet tieghu bhala akkuzat mhux qed jigu rispettati, izda dan rari ghamlu.

Fi kwalunkwe kaz u bhala pregudizzju, jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha ssib ksur tal-artikolu 6, l-esponent jidhirlu li fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent gie lliberat minn kull akkuza u ghalhekk diga' akkwista 'rederess' konsiderevoli, din il-Qorti ghandha tillimita ruhha ghal rimedju ta' natura dikjaratorja.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' referenzi tar-rikorrenti li biha jaghmel referenza ghas-segwenti gudikati in sostenn ghat-talba/iet dedotti fir-rikors promotur:

1. "John Bugeja vs L-Avukat Generali" – Qorti Kostituzzjonali, deciza 11/8/2003 – Dok. A.

2. "Luq Farrugia vs L-Avukat Generali" – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 30/11/2006 – Dok. B.

3. “Daniel Bonnici vs L-Avukat Generali” – Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza 5/7/2007 – Dok. C.

4. “Henry Cassar vs L-Avukat Generali” – Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza 27/2/2009 – Dok. D.”

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Gunju 2009, li permezz tieghu, fuq talba tal-Avukat Generali, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u akkordat lill-istess Avukat Generali xahar biex jipprezenta risposta ghaliha.

Rat li, minkejja l-fuq imsemmi digriet, ma giet prezentata ebda nota responsiva mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent f’din il-kawza qed jilmenta minn dewmien eccessiv fil- proceduri kriminali fil-konfront tieghu li jimpurtaw lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh fi zmien ragjonevoli, kif sancit fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni.

Fis-seduta tat-12 ta’ Frar 2008, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-process Kriminali mertu tal-kawza, liema ordni giet maqluba mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ordnat li min kellu interess kellu jitlob kopja legali tal-atti de quo. Sussegwentement, din il-Qorti, fit-8 ta’ April 2008 awtorizzat lill-Avukat Generali jaghmel hekk, pero’ kopja legali ta’ dawk il-proceduri ma giet prezentata qatt. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ser tistrieh fuq id-dokumenti esebiti in atti mill-istess rikorrenti.

Minn dawn jirrizulta illi fl-20 ta’ Awissu 1997, ir-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) b’akkuzi ta’ pussess u traffikar ta’ droga. Il-proceduri quddiem dik il-Qorti gew decizi fit-22 ta’ Gunju 2006. In segwitu ghall-Appell minnu interpost, ir-rikorrenti gie liberat minn kull htija fit-22 ta’ Dicembru 2006. Jirrizulta ukoll illi, ghalkemm, il-prosekuzzjoni fit-(3 ta’ Gunju 1998) kienet iddikjarat illi ma kellhiex provi aktar, seba’ snin wara din kienet talbet bidla fl-akkuzi. Jirrizulta ghalhekk, li l-proceduri kontra r-rikorrenti damu ghaddejjin disa’ snin u nofs li minnhom kien hemm seba’ snin shah fejn ma sar ebda progress.

Din il-Qorti m'ghandhiex raguni tindaga oltre fuq dan id-dewmien hlief li ticcita dak li sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha, li permezz taghha gie liberat ir-rikorrent odjern.

"*Din il-Qorti bla tlaqliq tghid li l-appellant ghandu ragun. Wara li l-ewwel qorti, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, halliet (fis-27 ta' Lulju 2005) il-kawza ghas-sentenza fuq l-atti u l-provi li kellha quddiemha – u li kienu ilhom quddiemha <u>mill-kontro-ordni u nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-3 ta' Lulju 1998</u> – ma setghet issir ebda korrezzjoni fl-imputazzjonijiet kif mitlub mill-Kummissarju tal-Pulizija bir-rikors tieghu tad-9 ta' Settembru 2005. Dan jinghad mhux biss ghax il-proceduri kienu diga' qabzu l-istadju tad-difiza, izda ukoll ghax bil-kontro-ordni u nota ta' rinviju ghall-gudizzju tat-3 ta' Lulju 1998 <u>maghmulin biss taht il-Kap. 101</u> – u allura b'referenza biss ghall-akkuza originali ta' pussess ta' kokaina <u>originarjament migjuba taht il-Kap. 31</u>. Hu probabli li dan sar bi zvista da parti tal-ufficjal addett mill-process fl-ufficju tal-Avukat Generali, pero' galadarba l-Avukat Generali f'Lulju tal-1998 ma pprocediex aktar fir-rigward tal-imputazzjonijiet taht il-Kap. 31 (billi la jaghmel id-debitu kontro-ordni u anqas ma jirrizulta li pprezenta xi Att ta' Akkuza fil-Qorti Kriminali), l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jigbed fi process penali bhal dak in dizamina hi li l-Avukat Generali kien hekk qed jirrinunzja ghal dawk l-imputazzjonijiet. Ma jistax wiehed, <u>snin wara</u>, jipprova jillapazza u jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet kostanti tal-prosekuzzjoni billi l-ewwel jipprova jbiddel l-imputazzjonijiet biex flok referenza ghal medicina specifikata ikun hemm referenza ghall-medicina ristretta, u wara anke jipprova jirravviva l-imputazzjonijiet li kienu gew abbandunati. Kif diga' inghad, anqas tista' din il-Qorti tifhem kif, wara snin bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dik il-qorti setghet, marte proprio, tikkonverti lilha nnifisha f'Qorti Istruttorja: dan ma kienx il-kaz, kontemplat fil-proviso tal-paragrafu (b) tas-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 370 tal-Kodici Kriminali, li waqt is-smiegh tal-provi, f'kawza li giet reza sommarja ab initio skond l-imsemmi sub-artikolu (4) irrizulta xi reat li kellu piena ta' aktar minn*

*erba' snin prigunerija; anqas ma kien il-kaz ta' proceduri, originarjament sommarji, fejn il-kors tas-smiegh tal-provi tal-prosekuzzjoni rrizulta reat li jeccedi l-kompetenza tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fejn allura japplika l-Artikolu 389 tal-imsemmi Kodici. Dan kien kaz fejn il-Qorti, l-ewwel ipprocediet bhala Qorti Istruttorja u in segwitu, b'decizjoni insindikabbli tal-Avukat Generali, giet konferita lilha l-kompetenza li tiggudika fil-meritu b'rimidensjonament tal-imputazzjonijiet. Kienu ghalhekk inapplikabbli ukoll is-sub-artikoli (2) u (3) tal-Artikolu 432 peress li dawn japplikaw meta jkun hemm kumpilazzjoni (istruttorja) <u>li ghadha ghaddejja</u> u l-attijiet ikunu ghand l-Avukat Generali in virtu' tal-istess kumpilazzjoni. U, biex tkompli tghaqqad kollox, jidher li mis-sentenza tat-22 ta' Gunju 2006 riedet ukoll tappella l-prosekuzzjoni, tant li l-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta nota ta' appell ghall-finijiet tal-Artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali – pero' pprezentaha fuori termine b'gurnata. Fi kliem Milton: confusion worse confounded. L-Avukat Generali ma appellax. Din il-Qorti tawgura li ma jergax jigi quddiemha process simili.*"

Hekk kif ghamlet din il-Qorti, diversament presjeduta fil-kawza "Daniel Bonnici vs L-Avukat Generali" (Imhallef T. Mallia, deciza fil-5 ta' Lulju 2007), din il-Qorti qed taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fil-kawza "Farrugia vs L-Avukat Generali" (Imhallef R. Pace, deciza fit-30 ta' Novembru 2006):

"*"Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragjonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma zewg kolonni l-ohra tal-istat, cioe' l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra necessarji biex il-Qrati jkunu f'pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragjonevoli".*

*Illi b'hekk huwa l-obbligu tal-istat li jorganizza s-sistema gudizzjarja b'mod li l-istess tkun tista' taqdi l-funzjonijiet*

*taghha skond il-ligi inkluz l-obbligu li l-kaz jigi konkluz fi zmien ragjonevoli u dan skond kif deciz fil-kawza "**Salesi vs Italy**" (26 ta' Frar 1993), b'dan li l-importanza li l-gustizzja tigi amministrata minghajr ebda dewmien zejjed hija tant mehtiega ghaliex altrimenti tali amministrazzjoni tal-gustizzja titqieghed fi krizi serja ta' kredibilita' u nuqqas serju ta' effikaccja "**Katte Klitshe de la Grange vs Italy**" (27 ta' Ottubru 1994 – "**A.P. vs Italy**" – 28 ta' Lulju 1999 – Applikazzjoni Numru 35265/97 – para. 18).*

*Illi dan irid jittiehed fil-kuntest ta' dak li jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Major Manduca vs Il-Prim Ministru**", moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995, fejn hemm ukoll referenza ghall-insenjament tal-ktieb ta' **Van Dyke and CJF Van Hoof** li jipprovdi li:*

*'Over burdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contracting parties have the general duty to organize the administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of article 6'.*

*Illi hawn huwa opportun li jirreferi ghal dak li gie ritenut fis-sentenza "**John Saliba vs Avukat Generali et**" (P.A. [S.K.] [GCD] Rik. Nru. 625/97/GCD – 24 ta' April 1998):*

*"Ghalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta z-zmien jibda jitqies bhala twil izzejjed, ghax 'the reasonable of the duration of proceedings covered by Art. 6 [...] must be assessed in each case according to the circumstances' [Konig vs Germany], madanakollu meta z-zmien prima facie jidher twil, bhal ma indubbjament huwa fil-kaz tal-lum, ikun imiss ghall-istat intimat li juri li kien hemm cirkostanzi li jiggustifikaw dan id-dewmien (Santilli vs Italy, 19 ta' Frar 1991 [ECHR – A 194-D])".*

Fil-kaz in ezami, l-intimat Avukat Generali, ma ressaq ebda prova li xi dewmien kien gustifikat.

*Illi l-istess inghad fis-sentenza "**John Bugeja vs L-Avukat Generali et**" (Q.K. – 11 ta' Awissu 2003) u cioe':*

*"Biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kawza inghatatx fi zmien ragjonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecie u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fosthom "the complexity of the case, and ... the conduct of both the applicant and the competent authorities (Buchholz vs Germany 06/05/1981 para. 49), kif ukoll "the importance of what was at stake for the applicant in the litigation" (Gast & Popp vs Germany 25/02/2000 para. 70).*

*Illi dan ifisser li kulhadd ghandu r-responsabbilita' tieghu u din il-Qorti thoss li mill-gurisprudenza nostrali u l-aktar ricenti, tistenna li jkun hemm process kemm jista' jkun maghluq fi zmien ragjonevoli, u f'dan il-kuntest, kull parti, u kull organu tal-istat ghandu r-responsabbilitajiet tieghu li ovvjament ghandhom jigu onorati specjalment fejn wiehed qed jitratta dwar drittijiet fundamentali, drittijiet li huma l-minimu li c-cittadin ikun u ghandu dritt jistenna, u li ghalhekk ma ghandux jigi mcahhad minnhom. ...*

*Fil-kazijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet "**Leteiller vs France**" (1992 – 14 EHRR) u "**Yagoi and Sargin vs Turkey**" (1995 – 20 – EHHRR 505) fejn jinghad li:*

*"The Court must be certain whether the national authorities displayed 'special diligence' in the conduct of the proceedings"...*

*Illi ovvjament, dawn il-fatturi kollha huma relevanti ghad-determinazzjoni biex jigi stabbilit jew ikkonstatat jekk tali zmien sabiex tigi deciza dik il-kawza kienx wiehed ragjonevoli jew le, jew jekk l-appellant kienx ukoll, xi ftit jew wisq, responsabbli ghalih minhabba li kien hemm drabi fejn huwa ma deherx.*

*Illi pero', din il-Qorti thoss li ukoll meta tiehu dan kollu in konsiderazzjoni, fil-verita', dawn il-fatturi ftit li xejn jistghu jtaffu r-responsabbilita' tal-istat fil-kaz odjern tant li jirrizulta li l-intimat odjern ftit jew xejn ma offra xi forma ta' spjegazzjoni ghaliex kien hemm dan id-dewmien kollu, u fil-fatt fir-risposta tieghu, l-istess intimat jghid fir-risposta tieghu datata l-1 ta' April 2005:*

*“Illi l-ilment tar-rikorrenti ma jinftiehemx facilment stante illi huwa improbabbli li kawza ddum ghal zmien daqstant fit-tul minghajr ma tigi deciza sakemm ma jkunx hemm ragunijiet impellenti li jakkawzaw dan id-dewmien”.*

*“Illi r-rikorrent ma tantx jipprovdi informazzjoni li titfa’ dawl fuq is-sitwazzjoni li qed jilmenta minnha hlief li jidher li la l-prosekuzzjoni u, skond ma jippretendi l-istess rikorrent, lanqas id-difiza ma huma hatja ta’ tali dewmien”.*

*Illi certament iwassal ghall-konkluzjoni wahda, li bil-mod kif tmexxew il-proceduri fil-kawza kriminali, u bil-mod kif l-istess kawza giet differita ghas-sentenza ghal snin shah, l-istat naqas li jipprovdi lir-rikorrent bi smiegh u determinazzjoni tal-kawza kriminali tieghu fi zmien ragjonevoli. Ghalhekk, bla ebda dubju, din il-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**”.*

Din il-Qorti, ghall-fini ta’ din il-kawza, taqbel u tadotta il-principji li jwasslu dawn il-konkluzjonijiet, u tiddikjara li anke hawn kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Ir-rikorrent talab li jinghata rimedju effettiv. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet “John Bugeja vs L-Avukat Generali et”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta’ Awissu 2003 –

*“F’kawzi dwar dewmien, gieli jinstab li s-semplici dikjarazzjoni tal-Qorti li gie lez dritt fundamentali, tkun rimedju li joffri sodisfazzjoni sufficcjenti ghall-vittma tal-istess vjolazzjoni. Din il-Qorti jidhrilha li dan ir-rimedju ma jghoddx ghall-kaz odjern billi l-vjolazzjoni ma kinitx wahda ta’ natura marginali, izda d-dewmien ingustifikat kien ikopri perjodu eccessivament twil u irragjonevoli. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, is-semplici dikjarazzjoni tal-Qorti li sabet vjolazzjoni ta’ dritt fundamentali sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma joffru ebda sodisfazzjon gust ghall-incertezza u ghall-ansjeta’ li l-appellat kien kostrett li jghaddi minnhom*

*minhabba d-dewmien tal-gheluq tal-imsemmija proceduri kriminali".*

*"Rimedju effettiv u effikaci kien ikun wiehed li jassigura lill-appellat 'restituito in integrum' fid-drittijiet tieghu. Dan ir-rimedju huwa impossibli li jinghata ghaliex il-Qorti ma tistax tregga' l-arlogg lura. L-uniku rimedju li hu disponibbli ghall-Qorti li bih tista' ttaffi l-ansjeta' li gab mieghu t-tul ingustifikat tal-proceduri kriminali huwa dak tal-kompensazzjoni bi flus".*"

Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz kien hemm ksur tar-"*reasonable time requirement*" dovut, fil-fehma ta' din il-Qorti wara li ezaminat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ghall-mod konfuz kif gew immexxija l-proceduri.

<u>Rimedju</u>

Din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ghandu jigi kumpensat ghad-dewmien mhux gustifikat u l-incertezza li baqa' ghaddej minnha sakemm fl-ahhar gie liberat minn kull htija. Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti qeghda tiffissa l-ammont dovut bhala kumpens fis-somma ta' erbat elef Ewro (€4000).

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat u tiddikjara illi fil-proceduri "Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli", gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragjonevoli kif sancit bl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; tilqa' t-tieni talba u tipprovdi rimedju ghall-vjolazzjoni imsemmija billi tillikwida s-somma ta' erbat elef Ewro (€4000) bhala kumpens ghad-danni morali sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-istess vjolazzjoni; u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' erbat elef Ewro (4000).

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------